

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Impriża Komuni Clean Sky 2 l-ammont ta' EUR 56 111,31 b'rabta mal-Ftehim ta' Sussidju Nru 271874 WISMOA fil-kuntest tas-7 Programm Qafas tal-Unjoni Ewropea, flimkien ma' interessi ta' 3,5 % applikata mill-Bank Ċentrali għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid, li jibdedw jiddekorru mit-23 ta' Mejju 2019 sad-data ta' ħlas effettiv;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha ir-rikorreni tinvoka l-motiv segwenti:

Il-konvenut naqas milli jwettaq l-obbligi kuntrattwali tiegħu billi naqas milli jirrimborsa l-ammont relatat mal-ispejjeż ta' persunal – li tqiesu li ma kinux eliġibbli għal finanzjament. Konsegwentement, ir-rikorreni ħarġet żewġ noti ta' debitu għal ammont komplessiv ta' EUR 56 111,31 diġà mħallas lil Alpha Consulting Service Srl, konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sussidju. Ma hemm ebda dubju f'din il-kawża fir-rigward tal-fatti li taw lok għall-obbligi tal-konvenut fil-kapaċità tiegħu bħala msieħeb kif ukoll rappreżentant tal-impriża Alpha Consulting Service Srl, imħassra mir-reġistru tal-kumpanniji. L-oġġezzjonijiet tal-kumpannija b'konsegwenza tal-ħruġ tan-nota ta' debitu huma ġeneriċi, inkompleti u mhux issostanzjati bi provi u, għaldaqstant, jidhru li huma għalkollox infondati. Konsegwentement, ir-rikorreni għandha dritt titlob l-irkupru u r-rimbors tal-ammont imħallas flimkien mal-interessi moratorji.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2020 – Mellifera vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-393/18) <sup>(1)</sup>**

(2021/C 53/84)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Il-President tas-Seba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 294, 20.8.2018.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2020 – PT vs BEI**

**(Kawża T-418/18) <sup>(1)</sup>**

(2021/C 53/85)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 373, 15.10.2018.